MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Mandat Numru. 255/2007/1

**Mary sive Marielle Cassar**

**vs**

**Edward Cassar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Ezaminat bir-reqqa in-noti sottomessi.

Ikkunsidrat illi dan il-mandat qed jintalab mir-rikorrenti fil-konfront ta` zewgha peress illi nibdew proceduri ta` separazzjoni personali bejn il-konjugi.

Il-ligi tipprovdi ghall-hrug ta` dan il-mandat partikolari fl-Art. 876 tal-Kap. 12. Minn ezami ta` dan l-artikolu wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li ma tapplika xejn it-tezi tal-intimat imressqa fir-risposta tieghu illi dan ir-rimedju jezisti biss meta l-intimat ikun azzjonist maggoritarju. Dan ir-rekwizit jezisti biss meta l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni jintalab kontra socjeta` fejn l-intimat ikun azzjonist u sabiex is-socjeta` innifisha tinzamm milli tiddisponi minn proprjeta`.

It-talba odjerna ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni ma taqax taht dan is-subartikolu (cioe` Art. 876 1 (b)) tal-Kap. 12, izda taht l-Art. 876 (1) (a).

Mid-dokumenti esebiti jidher *prima facie* illi mill-assi appartenenti lill-intimat is-segwenti jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

1. 189 5% *redeemable cumulative preference shares* fis-socjeta` Chianti Storm Limited (C 23401)

2. 85 *non-cumulative redeemable preference shares* fis-socjeta` Commendatore Antonio Cassar Ltd (C 36303)

3. 82 *redeemable cumulative preference shares* fis-socjeta` St. Joseph Holdings Limited (C 36304)

4. 52253 *redeemable preference shares* fis-socjeta` S & D. Limited (C 8298)

Peress li dawn l-imsemmija assi jidhru li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, tezisti l-htiega li jigu preservati sakemm l-istess komunjoni tigi xjolta; u dan ghalkemm tezisti l-possibilita` li l-komunjoni tkun debitrici tal-assi parafernali tal-istess intimat. Ghar-rigward tal-hafna ishma l-ohra imsemmija mir-rikorrenti fir-rikors u n-nota taghha, ma jidhirx li dawn *prima facie* jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba tar-rikorrenti u sabiex l-intimat ma` jiddisponi bl-ebda mod mill-ishma f`socjetajiet kummercjali li jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti u b`mod partikolari ma jiddisponi bl-ebda mod mis-segwenti:

1. 189 5% *redeemable cumulative preference shares* fis-socjeta` Chianti Storm Limited (C 23401)

2. 85 *non-cumulative redeemable preference shares* fis-socjeta` Commendatore Antonio Cassar Ltd (C 36303)

3. 82 *redeemable cumulative preference shares* fis-socjeta` St. Joseph Holdings Limited (C 36304)

4. 52253 *redeemable preference shares* fis-socjeta` St. D. Limited (C 8298)

Bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------